MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1886/1997/1

**Louis Vella**

**Vs**

**Alfred Borg u Concetta Borg, mizzewgin flimkien, Jane Mary Vella u A.B. Enterprises Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-attur avanza b'diversi modi ammonti sinifikativi ta' flus lill-konvenut Alfred Borg u lil martu Concetta Borg, lis-socjeta' tal-familja tal-konvenuti A.B. Enterprises Limited u lill-konvenuta martu Jane Mary, kontra min diga' istitwixxa proceduri ta' separazzjoni;

Premess illi l-attur investa ammonti ta' flus konsiderevoli fil-fond matrimonjali "Il-Gawhra", St Francis Street, Balzan li pero' huwa proprjeta' tal-konvenuti Alfred Borg u Concetta Borg;

Premess illi l-konvenuti jew minnhom arrikwew rwiehom indebitament a spejjez u a skapitu ta' l-attur u issa qed jirrifjutaw li jikkontribwixxu jew jirrestitwixxu lura l-ammonti avanzati u fic-cirkostanzi fejn il-konvenuta Jane Mary Vella prattikament regghet marret lura mal-familja tal-genituri taghha ma faddallux rimedju iehor hlief din l-azzjoni; qed issir azzjoni wahda kontra l-konvenuti ghaliex l-interess attiva tal-attur kontra l-konvenuti huwa wiehed indivisibbli ghaliex assi ghaddej sa fejn jaf l-attur l-assi ghaddej minn id konvenut ghal iehor;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom arrikew rwiehom indebitament;

2. tillikwida l-ammont ta' l-arrikkiment indebitu;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jhallsu lura lill-attur l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi u bl-imghax; il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Alfred Borg u Concetta Borg mizzwgin flimkien a fol. 9 tal-process** fejn eccepew:

1. Preliminarjament, l-irritwalita' u n-nullita' tac-citazzjoni minhabba molteplicita' ta' konvenuti li kull wiehed minnhom ghandu rapport guridiku ghal kollox separat u distint u kwindi kawzali differenti relattivament ghat-talba sostanzjali tac-citazzjoni;

2. Bla pregudizzju ghal premess di fronte ghall-eccipjenti t-talbiet attrici huma insostenibbli billi l-eccipjenti personalment ma rcevew l-ebda flejjes minghand l-attur, kif minnu allegat fid-dikjarazjoni;

3. Illi fit-tielet lok jekk kif allegat l-attur avvanza flejjes lill-eccipjenti allura l-azzjoni *'de in rem verso'* vantata mill-attur ma tregix u hi inkonciljabbli mal-pretiza avvanz ta' flejjes;

4. Inoltre wkoll il-kawzali riferibbli ghall-fond "Gawhra", kontrarjament ghal dak allegat, ma tikkoncernax lill-eccipjenti stante li dan il-fond mhux proprjeta' taghhom. Ghalhekk ukoll it-talbiet attrici huma bla bazi fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Jane Mary Vella a fol. 13** tal-process fejn eccepiet :

1. Preliminarjament, l-irritwalita' u n-nullita' tac-citazzjoni minhabba molteplicita' ta' konvenuti li kull wiehed minnhom ghandu rapport guridiku ghal kollox separat u distint u kwindi kawzali differenti relattivament ghat-talba sostanzjali tac-citazzjoni;

2. Illi l-attur ma setax jagixxi separatament mill-kawza tas-separazzjoni billi certament il-materja, jekk ghandha sostenn, tifforma parti integrali mill-assi tal-komunjoni li ser tigi dibattuta f'dik l-istanza;

3. Illi jekk kif allegat l-esponenti hadet assi tal-komunjoni l-kwistjoni kellha tigi ventilata fil-proceduri tal-likwidazzjoni tal-beni tal-komunjoni u mhux f'din il-kawza;

4. L-eccipjenti ma ghandha x'taqsam xejn mal-fond "Gawhra" billi dan mhux proprjeta' taghha;

5. Jekk dejjem kif allegat l-eccipjenti hadet flejjes tal-komunjoni illi l-azzjoni kellha tigi bbazata fuq dan l-istant guridiku u mhux fuq l-arrikament indebitu;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta A.B. enterprises Limited a fol. 17 tal-process** fejn eccepiet :

1. Preliminarjament, l-irritwalita’ u n-nullita’ tac-citazzjoni minhabba molteplicita’ ta’ konvenuti li kull wiehed minnhom ghandu rapport guridiku ghal kollox separat u distint u kwindi kawzali differenti relattivament ghat-talba sostanzjali tac-citazzjoni;

2. Illi s-socjeta’ eccipjenti ghalkemm proprjetarja tal-fond “Gawhra” ma tistax tinstab fi htija ghall-arrikament indebitu;

3. Is-socjeta’ eccipjenti ma rceviet l-ebda flejjes minghand l-attur, u dan kontrarjament ghal dak allegat;

4. F’kull kaz it-talbiet attrici huma insostenibbli.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni ta’ din il-Qorti a fol. 26 *et seq* dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fejn il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mll-konvenuti.

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONTESTAZZJONI**

L-attur ipprezenta nota a fol. 152 tal-process fejn permezz taghha pprezenta diversi dokumenti relatati mat-talbiet tieghu. Il-prospett mmarkat bhala Dok. A2 jindika li l-ammonti globali sborsati ghall-ammeljorament tal-fond “Gawrha”, St Francis Street, Balzan kien fl-ammont ta’ Lm14,883.72 liema ammont huwa supportat bir-ricevuti,

*invoices* u kopji ta' cekkijiet a fol. 38 sa 88 tal-process. Inoltre huwa pprezenta wkoll kopja ta' mandat ta' inibizzjoni numru 2150/1998 RCP fl-ismijiet *Carmel Vella et vs Alfred Borg et*, mmarkat bhala Dok. A3 (a fol 90 *et seq*) tal-process. Apparti dawn l-attur ipprezenta diversi dokumenti ohra.

L-attur fl-affidavit tieghi a fol. 154 xehed li hu kien jabita' ma' martu il-konvenuta Jane Mary Vella gewwa maisonette li kien jappartjeni lill-missierha, u li ftit zmien qabel ma nbdew il-proceduri ta' separazzjoni bejnu u l-konvenuta Jane Vella, huwa kien imbarka *"f'operazzjoni shiha ta' rinnovazzjoni u ridekorazzjoni skond ix-xewqat u l-istruzzjonijiet espressi ta' Alfred Borg in konsultazzjoni ma' marti, li damet sejra sentejn u li swietli bejn sittax u sbatax-il elf lira Maltin, li minnhom is-somma ta' erbatax-il elf, tmien mija u tlieta u tmenin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm14,833.72) jirrizultaw mill-ircevuti annessi bhala Dok. A2.*"

Inoltre huwa xehed li mill-ammont ta' Stg 22,173.51 dovut lilu mill-konvenut Alfred Borg huwa kien thallas l-ammont ta' Lm3,975 permezz ta' pagamenti li saru minn Alfred Borg lis-*suppliers* tal-oggetti li eventwalment intuzaw sabiex jarredaw il-maisonette fuq imsemmi.

Il-konvenuta Jane Vella xehdet fid-dettal fl-affidavit taghha dwar l-akkwist u l-kostruzzjoni ta' art gewwa H'Attard. Hi taqbel li kienu saru xi xogholijiet gewwa l-fond li fih kienu jabitaw izda ma taqbilx li l-flus kollha mitlubin mill-attur huma dovuti.

Il-konvenut Alfred Borg ammetta li kienu saru xogholijiet mill-attur u l-konvenuta Jane Vella fil-fond fejn kienu joqghodu izda kkontesta l-ammont mitlub u f'dan is-sens ipprezenta dokumenti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza li ghamel l-attur fil-konfront tal-konvenuti hija l-*Actio De In Rem Verso*. Din l-azzjoni hija rimedju sussidjarju estiz ghall-kazijiet meta tkun avverat ruhha

lokupletazzjoni effettiva ghad-dannu ta' haddiehor, u ssib il-fondament taghha fil-principju "*jure naturae est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem.*" Din l-azzjoni hija koncessa meta mhix esperibbli l-azzjoni *ex contractu* (ara Vol 38 p 397 Falzon vs Xuereb u sentenzi hemm imsemmija).

Biex tirnexxi dina l-azzjoni jehtieg jikkonkorru tlett fatturi: 1. Li l-haga li tkun giet versata, jew li tkun ghaddiet fil-patrimonju tal-konvenut, tirrizulta ta' vantagg u utilita' ghalih; 2. li dak il-passagg tal-haga jkun sar b'titolu lukrattiv; u 3. li min ikun irceviha jkun sar aktar sinjur b'dak li jghaddi ghandu."

Il-Qorti tinnota li saru diversi referenzi fix-xhieda tal-partijiet rigward proprjeta` ossia **art** li kienet giet akkwistata minn Jane Vella qabel iz-zwieg u li sussegwentement waqt iz-zwieg bejn l-attur u l-konvenuta Jane Vella nbnit u giet trasferita lill-terzi. Mhux kontestat li din il-proprjeta` kienet parafernali tal-konvenuta Jane Vella, (ara kuntratt ta' akkwist taht titolu ta' *utile dominium* li sar bejn Dun Carmelo Bonavia ghan-nom u in rappresentanza tal-Ospizio Saura u Jane Vella fl-atti tan-Nutar Dr. Angelo Vella datat 21 ta' Novembru 1980 a fol. 114 tal-process Dok. A5). Il-flejjes rikavati mill-bejgh tal-*maisonettes* mibnija fuq din il-proprjeta` huma ta' indoli tal-komunjoni tal-akkwisti u ma jissussitux l-elementi necessarji ghall-azzjoni *De in Rem Verso*.

Din il-kwistjoni hija mertu ta' proceduri ohra ezistenti quddiem din il-Qorti, cioe' is-separazzjoni ta' bejn l-attur u l-konvenuta Jane Vella. Bl-istess argument l-allegazzjoni li l-flus, cioe` s-somma ta' ghoxrin elf lira maltin zbankati mill-konvenuta Jane Vella u ddepozitata fil-kont tas-socjeta` konvenuta AB Enterprises Limited, ma jaghtix lok ghall-azzjoni *De In Rem Verso* fil-konfront tas-socjeta` konvenuta.

Finalment jigi notat li meta l-attur kien qed jigi kontroezaminat u mistoqsi jekk kienx qed jippretendi li jiehu lura l-flus li hareg fuq l-art ta' H'Attard l-attur wiegeb li ma kienx (ara fol. 235).

Rigward il-kwistjoni tat-trasferiment ta’ **<u>Stg 22173.51</u>** mill-attur lill-konvenuti Alfred u Concetta konjugi Borg, dan it-trasferiment jirrizulta mid-dokumentazjoni a fol. 106 u 107. Il-Qorti tirrileva li a fol. 109, 110, 111 u 112 giet prezentata mill-attur kopja tac-citazzjoni maghmula mill-istess attur u kif ukoll minn Carmel Vella fil-konfront tal-konvenuti Alfred u Concetta konjugi Borg. Fil-premessi ta’ din ic-citazzjoni l-attur u Carmel Vella ippremettew li kienu ttrasferew dan l-ammont lill-konvenuti u dan ghall-korrispettiv ta’ l-ekwivalenti f’liri Maltin ta’ l-ammont trasferit, **bil-ftehim** li tali ekwivalenti kellhom jigu debitament trasferiti lill-atturi f’kont bankarju f’Malta.

Il-Qorti tinnota li l-attur fic-citazzjoni *ex admissis* iddikjara li hemm ftehim bejn il-partijiet. Ghalhekk huwa car li din l-azzjoni ma tistax tigi esperita ghal dan l-ammont stante li tali trasferiment kien instigat minn ftehim bejn l-attur, Carmel Vella u l-konjugi Borg. Ghalhekk l-azzjoni hija *ex contractu*. Rigward dan it-trasferiment ta’ Stg22,173.51 l-attur kellu jaghmel l-azzjoni *ex contractu*, kif fil-fatt ghamel skond kopja tac-citazzjoni prezentata minnu stess a fol. 109 *et seq.*

**Rigward il-Benefikati,** Jane Vella a fol. 206 xehdet li l-fond huwa ta’ A.B. Enterprises Limited. Dan gie konfermat mill-konvenut Alfred Borg, li hu wkoll direttur tas-socjeta` konvenuta A.Bb Enterprises Limited. Ghalhekk mhux kontestat li din il-proprjeta’ tappertjeni lis-socjeta’ konvenuta A.B. Enterprises Limited.

Il-konvenut Alfred Borg xehed li huwa kien hallas parti mill-benefikati li saru mill-attur li jifformaw parti mill-mertu ta’ din il-kawza u li x-xoghol reklamat mill-attur kien sar fid-dar tal-konvenut hallas ghalih hu.

Il-Qorti hi tal-fehma li nonostante d-diversi ricevuti esebiti mill-konvenut Alfred Borg fejn jindika li huwa ghamel dawn il-hlasijiet u li tali ammonti kellhom jigu ridotti mill-ammont ta’ flus sterlini li hu kien obbligat ihallas lill-attur, din il-kwistjoni ma ghandiex tigi rizolta f’dawn il-proceduri izda

semmai fil-proceduri li hemm prezentati quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti l-elementi rikjesti mill-ligi ghall-proponiment ta’ l-azzjoni *De In Rem Verso* huma ezistenti fil-kawza odjerna fil-konfront tas-socjeta’ A.B. Enterprises Limited, stante li l-benefikati u ammeljoramenti li saru a spejjez tal-attur u ta’ martu l-konvenuta Jane Vella, ghaddew fil-patrimonju tas-socjeta’ A.B. Enterprises Limited,  kif ukoll huma ta’ vantagg u ta’ utilita’ ghall-istess socjeta’ konvenuta. Inoltre il-passagg ta’ dawn il-beneficcji sar b’titolu lukrattiv u indubitatament is-socjeta’ A.B. Enterprises Limited arrikkit ruhha permezz ta’ dawn il-benefikati u ammeljoramenti fil-proprjeta’ taghha. Di piu’ ma kien hemm ebda relazzjoni kontrattwali bejn l-attur u s-socjeta’ A.B. Enterprises Limited.

Ghaldaqstant is-socjeta’ konvenuta ghandha thallas l-ammont mitlub mill-attur.

**Il-Qorti madanakollu tirrileva li tali pagament ghandu jsir ghan-nom ta’ l-attur u kif ukoll ghan-nom tal-konvenuta Jane Vella stante li tali xoghlijiet gew esegwiti waqt iz-zwieg tal-kontendenti.**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi:
Il-Qorti tiddeciedi billi fil-konfront tal-konvenuti Alfred u Concetta konjugi Borg:

1. Tilqa’ it-tieni, it-tielet u r-raba’ eccezzjoni u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju;

Fil-konfront ta’ Jane Mary Vella:

1. Tilqa’ it-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-hames eccezzjoni.
u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;

Fil-konfront tas-socjeta’ A.B. Enterprises Limited

1. Tichad it-tieni talba u tordna lis-socjeta’ eccipjenti thallas l-ammont mitlub mill-attur cioe’ Lm14,833.72, liema pagament ghandu jsir kif inghad aktar ‘il fuq.
2. Tilqa’ t-tielet eccezzjoni.
3. Tichad parzjalment ir-raba’ eccezzjoni ghar-ragunijiet fuq esposti.

L-ispejjez kwantu ghall terz ghall attur u zewg terzi ghas-socjeta’ A.B. Enterprises Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------